MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 72/2013

**Horace Fenech (karta ta’ l-identita` numru 694755 (M))**
**Anna Fenech (karta ta’ l-identita` numru 580960 (M))**

**vs**

**Carmelo Schiavone (karta ta’ l-identita` numru 420644 (M)) flimkien ma’ Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Noel Scerri li b’digriet datat id-19 ta’ Frar, 2013, gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta’ Carmelo Schiavone (karta ta’ l-identita` numru 681220 (M)) li miet iz-Zejtun fil-25 ta’ Gunju, 2011**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 ta’ Jannar, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti esponew sintetikament is-segwenti:

1.1 Illi huma proprjetarji tal-ghalqa indikata fl-istess rikors promotur f'tal-Kali sive tal-Qali, kontrada ta' Delimara, limiti taz-Zejtun/Marsaxlokk, (ara fol 4);

1.2 Illi l-ghalqa *de quo* kienet akkwistata mir-rikorrenti permezz ta' tlett (3) kuntratti kollha *in atti* tan-Nutar Joseph Tabone datati 17 ta' Lulju, 1992, 13 t'April, 1993, u 12 ta' Mejju, 1993;

1.3 Illi l-intimat Schiavone u missieru, illum mejjet, kienu okkupaw parti minn din l-ghalqa kif deskritt fl-istess rikors promotur;

1.4 Illi fil-mori ta' proceduri ghall-izgumbrament permezz ta' Citazzjoni Numru 753/93/GCD, l-istess Schiavone il-missier, kien biegh lill-ibnu prozjon tal-istess ghalqa, (ara fol 5);

1.5 Illi b'sentenza datata t-8 t'April, 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet laqghet it-talbiet tar-rikrorenti Horace Fenech biex il-konvenuti (Schiavone) jigu zgumbrati mill-istess;

1.6 Illi s-sentenza indikata fiz-zewg paragrafi precedenti kienet konfermata fil-Qorti ta' l-Appell b'sentenza datata id-29 ta' Frar, 2008, u b'ohra tal-istess qorti datata l-1 ta' Dicembru, 2008, fejn it-talba ghar-ritrattazzjoni hemm postulata giet michuda;

1.7 Illi l-konvenuti Schiavone fuq riferiti kienu debitament irrilaxxaw l-ghalqa lir-rikorrenti in konsegwenza tal-istess izda l-kuntratt *in atti* tan-Nutar Mario Felice tat-2 t'Awwissu, 1992, baqa' ma giex rexiss nonostante diversi talbiet, (ara fol 9);

1.8 Illi r-rikorrenti ghandhom interess li l-kuntratt in dizamina riferit fil-paragrafu precedenti jigi rexiss u ghalhekk kienu kostretti jaderixxu din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghdu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.8.1. Tikkonferma li l-esponenti huma proprjetarji assoluti tal-artijiet indikati fil-pjanta Dok A kif hu stabbilit fil-konfront tal-konvenuti jew/*aventi causa* taghhom fis-sentenzi moghtija minn din il-qorti u mill-qorti ta' l-Appell fit-8 t'April, 2005, fid-29 ta' Frar, 2008, u fl-1 ta' Dicembru, 2008, fil-proceduri li jgibu n-numru 753/1993, fl-ismijiet Horace Fenech vs Carmelo Schiavone u Carmelo Schiavone;

1.8.2. Tordna li l-kuntratt bejn Carmelo Schiavone (il-missier) u Carmelo Schiavone (ibnu) ippubblikat minn Nutar Mario Felice fit-2 t'Awwissu, 1993, jigi rexiss u tinnomina ghal dan il-ghan Nutar u tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt rexissarju, u tinnomina ghal dan kuratur ghal kull eventwali kontumaci;

1.8.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat in-nota tal-intimati datata l-10 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha t-talbiet inkluzi fir-rikors guramentat promotur gew ammessi, (ara fol 65);

**DECIDE:**

3.0. Illi in vista tal-ammissjoni indikata fil-paragrafu precedenti tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti Horace u Anna Fenech u konsegwentement:

3.1. Tikkonferma sa fejn hu necessarju li r-rikorenti Horace u Anna Fenech huma proprjetarji assoluti tal-artijiet indikati fil-pjanta Dok A u dan, kif stabbilit fil-konfront tal-intimati jew *aventi causa* taghhom fis-sentenzi ta' din il-qorti u tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 t'April, 2005, tad-29 ta' Frar, 2008, u ta' l-1 ta' Dicembru, 2008, fi proceduri li jgibu n-Numru 753/1993 fl-ismijiet Horace Fenech vs Carmelo Schiavone u Carmelo Schiavone;

3.2. Tordna li l-kuntratt bejn Carmelo Schiavone (il-missier) u Carmelo Schiavone (ibnu) *in atti* tan-Nutar Mario Felice u datat it-2 t'Awwissu, 1993, jigi rexiss;

3.3. Tordna ghal dan il-ghan indikat fil-paragrafu precedenti li l-kuntratt ta' rexissjoni jsir minn Nutar Dottor Joseph Tabone fi zmien tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza f'gurnata, hin u lok indikat mill-istess Nutar hawn nominat;

3.4. Tinnomina wkoll lill-istess Kuraturi Deputati nominati fil-procedura odjerna, senjatament l-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Noel Scerri, biex ikunu Kuraturi ghal kull eventwali kontumaci, biex ikunu prezenti ghall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt;

3.5. Illi l-ispejjez ta' din il-kawza huma a karigu tal-intimat Carmelo Schiavone, (karta ta' l-identita` numru 420644 (M)).

_____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------